nies li qegħdin igħixu l-lum. Ix-xewqa tagħna bħala Membri tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" tal-lum hija li dawk li għad jiġu warajna jkollhom biex jiftaħru bil-għemil tagħna u jbirkuna għax fost dan it-tiġrib kollu żammejna l-Għaqda ħajja u ħarkiena.

Bil-għajnuna t'Alla u mseddqin minn sħabna l-Membri kollha tal-Għaqda nittamaw li l-ħidma tagħna ma tonqosx, iżda toktor u tiżdied fiż-żminijiet li resqin u hekk isem il-Għaqda jikseb aktar ġieh u jibqa' miġjub u miqjum kif jixraqlu.

## ŻEWĠ QRONFLIET

(ĠRAJJA MINNHA)

Qronfla bajda u oħra ħamra
Ġew f'idejja minn ġo ġnien:
Safa l-waħda, mħabba l-oħra,
Lwien ta' Malta t-tnejn flimkien.

Il-ġmiel tagħhom bħal seraqni;
Ħarsti fuqhom jien sammart,
Flejt il-weraq, flejt in-nisġa
U sa nbushom bħal tħajjart.

Hekk kif kienu bejn subgħajja
Resaq ħlewwa ta' farfett;
Bla ma tnaffar għaddas rasu
Ġewwa qronfla, s'isfelnett.

Ġibed l-għasel minn ġol-warda
Talla' rasu, tħarrek, dar;
Ħabbat ġwienħu bojod bl-iswed,
Bla ma sellem telaq, mar.

Ngħid is-sew, jien bħal tlift għaqli
Fuq il-ġmiel taż-żewġ ħlejqiet;
Xtaqt li kieku nżommhom miegħi
Lill-farfett u lill-qronfliet.

DUN KARM.

## ĠUSTIZZJA BLA QORTI

Nikol tal-Ġnien kien issellef mitejn skut minn għand is-Sur Tusè u baqa' għal żmien twil ma jistax iħallashom; bit-tqanċiċ u bit-tħabrik kien ilaqqat biex iħallas l-imgħax, iżda s-Sur Tusè ħsiebu ma kienx fl-imgħax: it-tir ta' moħħu kien fuq il-għalqa li Nikol kellu f'tarf ir-raħal u li fuqha dan kien issellef dawk il-mitejn skut; dak il-ħabel raba' kien jiswa għall-bini u kieku jiksbu taħt idejh is-Sur Tusè kien jista' jqassmu u jagħtih b'xi tmintax irbigħi l-qasba; kieku jseħħlu dan il-ħsieb is-Sur Tusè kien jaqta' sandar, iżda Nikol kellu qalbu marbuta ma' dik l-imbierka ta' għalqa tiegħu li kien wiritha minn għand missieru u li kienet ġejja minn għand nannietu. Fir-razzett ta' dik il-għalqa Nikol kien trabba u fih kien qiegħed irabbi 'l uliedu, fih kien ġarrab in-niket u l-ferħ, id-dwejjaq u l-hena li ltaqa' magħhom ma' tul il-milja ta' ħajtu.

Fi dħul is-sajf tas-sena l-oħra, nhar il-Qalb ta' Gesù, meta spiċċa l-għasar, Nikol huwa u ħiereġ mill-knisja, lemaħ is-Sur Tusè fuq iz-zuntier; il-bidwi libet, għaddas rasu u telaq iħaffef biex jeħles, iżda s-Sur Tusè mar fuqu u waqqfu.

"Kol, x'sa nagħmlu fuq dawk l-erbat ewwieq li kont sliftek?"

Nikol infixel, tħawwad u beda jlaqlaq.

"Tini ftit taż-żmien ieħor; wara l-ġbir tal-qamħ, jekk Alla jrid, inkun nista' nroddlok flusek."

"Ilek bosta żmien ittawwal, kif trid tħallasni issa wara l-ħsad?"

"Għax dis-sena kellna newba tajba, il-qamħ mela ġmielu u s-suq tiegħu sewa ħafna; jekk ittini ftit taż-żmien ieħor nittama li nifdi dejni miegħek."

Is-Sur Tusè ma għoġbux jisma' hekk, hu aktar xtaq jaqbad taħt idejh il-għalqa ta' Nikol milli jjġbor il-flus li kien silef fuqha u qal imdagħdagħ:

"Din id-darba għandi bżonn il-flus f'idejja, ma nistax nistenniek aktar."

"Isbirni ftit taż-żmien ieħor, sur Tusè!" talbu Nikol.

"Stennejtek biżżejjed, issa jekk ma troddlix flusi sa xahar ieħor naqbadlek il-għalqa."